31972L0230

17.6.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 139/28

IT-TIENI DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Ġunju 1972
fuq l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva relatata mar-regolamenti li jikkontrollaw it-taxxa fuq il-bejgħ u t-taxxa tas-sisa applikabbli fuq vjaġġar internazzjonali

(72/230/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 99 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969 (1) fuq l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva relatati ma' l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ u t-taxxa tas-sisa fuq oġġetti importati waqt vjaġġar internazzjonali [1];

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Billi, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tat-22 ta' Marzu 1971 [2] dwar il-ħolqien fi stadji ta' unjoni ekonomika u monetarja fil-Komunità, titlob b'mod partikolari, għal twessigħ gradwali ta' l-eżenzjoni mit-taxxa mogħtija lill-individwi meta dawn ikunu qed jaqsmu l-fruntieri intra-Komunitarji;

Billi huwa xieraq li l-ivjaġġar tal-passiġġieri bejn l-Istati Membri jitħaffef permezz ta' żieda fl-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ u mit-taxxa tas-sisa msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969; billi, għal dak il-għan u sabiex jitnaqqsu l-kontrolli, minn issa 'l quddiem għandhom jiġu simplifikati d-dikjarazzjonijiet magħmula minn vjaġġaturi li qed jaqsmu l-fruntieri intra-Komunitarji f'każijiet fejn il-valur jew il-kwantità ta' oġġetti fil-pussess tagħhom ma jaqbiżx il-limitu ta' eżenjoni mid-dazju.

Filwaqt li, persuni li jgħixu ħdejn il-fruntieri intra-Komunitarji u l-ekwipaġġ tal-mezzi ta' trasport użati fuq livell internazzjonali għanhom minn issa 'l quddiem ikunu eliġibbli għal ċerti eżenjonijiet;

Billi, minħabba l-problemi tekniċi li ħarġu mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva msemmija hawn fuq, għandhom jiġu trattati ċerti problemi marbuta mar-remissjoni tat-taxxa fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut;

Billi, minħabba l-ħolqien progressiv ta' żona ekonomika b'karatteristiċi jixbhu lil dawk ta' suq domestiku li jħaddan lill-Komunità, l-Istati Membru sa jkollhom ineħħu, fil-każ ta' kummerċ intra-Komunitarju, is-sistemi fis-seħħ bħalissa li jinvolvu r-remissjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni u l-imposizzjoni ta' taxxa fuq l-importazzjoni u għaldaqstant anke r-remissjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ u t-taxxa tas-sisa fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut.

Billi, minkejja dan, it-tneħħija sħiħa tat-tali remissjonijiet tat-taxxa tista' tinkiseb biss gradwalment; billi, l-ewwel pass għandu jkun li jkunu stabbiliti ċerti regoli komuni marbuta mal-każijiet standard ta' remissjoni mit-taxxa fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut applikabbli għal persuni li jgħixu fil-Komunità;

(1) ĠU L 133, ta' l-4.6.1969, p. 6
(2) ĠU C 28, tas-27.3.1971, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "mija u ħamsa
w għoxrin unità tal-għadd"
iridu jiġu sostitwiti b'
"ħamsa u sebgħin unità tal-għadd";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem "tletin
unità tal-għadd"
iridu jiġu sostitwiti b'
"għoxrin unità tal-għadd"

(ċ) fil-paragrafu 3, il-kliem "mija u
ħamsa u għoxrin unità tal-għadd"
iridu jiġu sostitwiti b'
"ħamsa u sebgħin munita tal-għadd".

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jissostitwixxi l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-vjaġġaturi li r-residenza tagħhom hija barra mill-Ewropa, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-limiti kwantitattivi li ġejjin, għall-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-bejgħ u t-taxxa tassisa ta' l-oġġetti mniżżla hawn taħt:

	I *Vjaġġar bejn pajjizi terzi u l-Komunità*	II *Vjaġġar bejn l-Istati Membri*
a) prodotti tat-tabakk:		
sigarretti	200	300
jew		
cigarillos (sigarri b'piż ta' mhux iktar minn 3 grammi kull wieħed)	100	150
jew		
sigarri	50	75
jew		
Tabakk għat-tipjip	250 g	400 g
b) xorb alkoholiku:		
— xarbiet distillati u spirti b'qawwa alkoħolika li taqbeż it-22°	flixkun *standard* (0,7 sa litru)	sa total ta' 1,5 literig
or		
— xarbiet distillati u spirti, u aperitivi b'bażi ta' inbid jew alkoħol b'qawwa alkoħolika li ma taqbiżx it-22°, inbejjed bil-gass, inbejjed fortifikati	sa total ta' 2 litri	sa total ta' 3 litri
u		
— inbejjed bla gass	sa total ta' 2 litri	sa total ta' 3 litri
ċ) fwejjaħ	50 g	75 g
u		
'*toilet-waters*'	1/4 ta' litru	3/8 ta' litru
d) kafe	500 g	750 g
jew		
estratti tal-kafe u essenzi:	200 g	300 g
e) te	100 g	150 g
jew		
estratti tat-te:	40 g	60 g"

Artikolu 3

Il-paragrafi li ġejjin għandhom jissostitwixxu l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969 u dawk li kienu l-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi 6 u 7:

"1. L-Istati Membri jistgħu inaqqsu l-valur u/jew il-kwantità ta' oġġetti li jistgħu jiddaħħlu mingħajr ħlas ta' dazju, sa wieħed minn għaxra tal-valuri u/jew kwantitajiet li hemm provvdut għalihom fl-Artikoli 2 u 4 (1), kolonna II, fejn it-tali oġġetti importati minn Stat Membru ieħor minn persuni residenti fiż-żona tal-fruntiera ta' l-Istat Membru li qed jimporta jew f'dik ta' l-Istat Membru ġar, minn ħaddiema li jaħdmu fiż-żona tal-fruntiera, jew mill-ekwipaġġ ta' mezzi ta' trasport użati fi vjaġġar internazzjonali.

Madankollu, id-dritt li ma jitħallasx dazju fuq l-oġġetti mniżżla hawn taħt jista' jkun kif ġej:

(a) prodotti tat-tabakk:

sigaretti	40
jew	
sigarri żgħar (sigarri b'piż ta' mhux aktar minn 3 grammi kull wieħed)	20
jew	
sigarri	10
jew	
tabakk għat-tipjip	50 g

(b) xorb alkoħoliku

— xarbiet distillati u spirti b'qawwa alkoħolika li taqbeż it-22°	0.25 litri
jew	
— xarbiet distillati u spirti, u aperitivi b'bażi ta' inbid jew alkoħol b'qawwa alkoħolika li ma taqbiżx it-22°, inbejjed bil-gass, inbejjed fortifikati	0.50 litri
u	
— inbejjed bla gass	0.50 litri

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-limiti l-aktar baxxi f'dak li għandu x'jaqsam mal-valur u/jew il-kwantita għall-eżenzjoni ta' oġġetti meta dawn ikunu mpurtati minn pajjiż terz minn persuni residenti fuq iż-żona tal-fruntiera, minn ħaddiema li jaħdmu fiż-żona tal-fruntiera jew mill-ekwipaġġ ta' mezzi ta' trasport użati fl-ivjaġġar bejn pajjiżi terzi u l-Komunità.

3. L-Istati Membri jisgħu jistabbilixxu l-limiti l-aktar baxxi għal dak li għandu x'jaqsam mal-valur u/jew il-kwantità għall-eżenzjoni ta' oġġetti meta dawn huma importati minn Stat Membru ieħor minn membri tal-forzi armati ta' Stat Membru, inklużi l-ħaddiema mhux militari u l-irġiel jew nisa tagħhom u t-tfal dipendenti minnhom, stazzjonati fi Stat Membru ieħor.

4. Ir-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw meta l-persuni li hemm referenza għalihom f'dawn il-paragrafi jipproduċu evidenza li turi li huma sejrin lil hinn miż-żona tal-fruntiera jew li mhux sa jir-ritornaw miż-żona tal-fruntiera ta' l-Istat Membru jew il-pajjiż terz ġar.

Madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet xorta għandhom japplikaw għall-ħaddiema taż-żona tal-fruntiera u għall-ekwipaġġ tal-mezzi ta' trasport użati fi vjaġġar internazzjonali meta dawn jimpurtaw oġġetti waqt li jkunu qed jivjaġġaw waqt xogħolhom.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2 u 4:

— 'żona tal-fruntiera' tfisser żona li f'linja dritta ma testendix aktar minn 15-il kilometru mill-fruntiera ta' Stat Membru. Madankollu, kull Stat Membru għandu jinkludi fiż-żona tal-fruntiera tiegħu id-distretti amministrattivi lokali li parti minnhom qiegħda fiż-żona;

— 'ħaddiem taż-żona tal-fruntiera' tfisser kull persuna li l-attivitajiet normali tagħha jirrikjedu li fil-ġranet ta' xogħol tmur fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera."

Artikolu 4

L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-test ta' dak l-Artikolu għandu jsir il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu;

(b) Għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli relatati mal-bejgħ li jsir fil-ħwienet ta' l-ajruporti taħt il-kontroll tad-dwana u fuq l-ajruplan, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' bejgħ fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut, fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet mitluba mill-paragrafi 3 u 4, jawtorizzaw ir-remissjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ fuq oġġetti li jkunu qed jin-ġarru fil-bagalja personali ta' vjaġġaturi li qed jitilqu minn Stat Membru. Ma tista' tinagħta l-ebda remissjoni fuq taxxa tas-sisa.

3. Fil-każ ta' vjaġġaturi li d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom qiegħda barra mill-Komunità, kull Stat Membru jista' jistabbilixxi limiti u kondizzjonijiet ta' applikazzjoni dwar ir-remissjoni tat-taxxa.

Fil-każ ta' vjaġġaturi, li d-domiċilju, ir-reżidenza abitwali jew il-post tax-xogħol tagħhom qiegħed ġo Stat Membru, jista' jkun hemm remissjoni tat-taxxa biss fuq oġġetti li l-valur individwali tagħhom, inkluża t-taxxa, jaqbeż l-ammont speċifikat fl-Artikolu 2(1).

L-Istati Membri jistgħu jżidu dak l-ammont. Barra minn hekk, jistgħu ukoll jeskludu r-residenti tagħhom mill-benefiċċju ta' din ir-remissjoni tat-taxxa.

4. Ir-remissjoni tat-taxxa għandha tkun suġġeta:

(a) fil-każijiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, għall-produzzjoni ta' kopja ta' l-irċevuta jew ta' xi dokument ieħor minfloku, endorsjat mid-dwana ta' l-Istati Membru li qed jesportaw biex jiċċertifika l-esportazzjoni ta' l-oġġetti;

(b) fil-każijiet li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, għall-produzzjoni ta' kopja ta' l-irċevuta jew xi dokument ieħor minfloku, endorsjat mid-dwana ta' l-Istat Membru fejn issir l-aħħar importazzjoni jew minn awtorità oħra ta' dak l-Istat Membru li hija kompetenti f'kwistjonijiet ta' taxxa fuq il-bejgħ.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

— 'domiċilju jew residenza abitwali' tfisser il-post imniżżel bħala tali f'passaport, karta ta' identità jew, jekk mhux f'dawn, f'dokumenti oħra ta' identità li l-Istat Membru li qed jesporta jirrikonoxxi bħala validi;

— 'oġġett' iffisser ħaġa jew ġabra ta' ħwejjeġ li normalment jagħmlu ħaġa sħiħa."

Artikolu 5

L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1969:

"*Artikolu 7a*

L-Istati Membri, għandhom fil-qafas ta' vjaġġar intra-Komunitarju, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu lill-vjaġġaturi li jikkonfermaw taċitament jew b'dikjarazzjoni sempliċi orali li huma jikkonformaw mal-limiti awtorizzati u mal-kondizzjonijiet għad-drittijiet li ma jħallsux dazju."

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom ipoġġu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw:

— ma' l-Artikli 1, 2, 3 u 5 ta' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1972;

— ma' l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1973.

2. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkun adotta biex jimplimenta din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan it-tagħrif lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Ġunju 1972.

Għall-Kunsill

Il-President

J. DUPONG